MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2014

Numru. 1/2014

**SPETTUR JESMOND MICALLEF**

**VS**

**ALFRED BUGEJA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Alfred Bugeja ta’ 56 sena, iben Costantino u Helen xebba Vidal, imwieled Pieta’ fit-3 ta’ Dicembru 1957, residenti Block A Flat 4, Triq il-Ghajn, Valletta u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 828557(M).

Talli;

Fl-10 ta’ Jannar 2009, ghall-habta tat-20:00hrs, waqt li kien gewwa l-Hamrun, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe` serq minn gewwa l-fond numru 32, Triq Nuzzo, ura dan il-hsieb b`atti esterni u ta bidu ghall-esekuzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-lok u bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tlein Euro u erbgha u disghin centenzmu (€232.94), li sehh ghad-detriment ta’ Thomas Mizzi u/jew persuni ohra.

Kif ukoll talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-prejodu operattiv ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza, datata l-31 ta’ Jannar 2008.

Ukoll talli sar recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet  ta’ Malta, b’diversi sentenzi mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 269, 270, 28A, 28B, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti m'ghandiex ghazla hlief li ssibb lill-istess imputat Alfred Bugeja hati skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u ghal daqstant qieghda tikkundannah ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------